Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 181/2011

**Maurice Gruppetta (appellant)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni (appellat)**

16 ta' Gunju, 2017.

1. Ir-rikorrent appella mis-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-12 ta' Jannar 2015 li titratta dwar likwidazzjoni li saret mill-intimat fil-konfront tieghu. Il-kwistjoni kienet li (a) l-attur ma kienx ezenti mill-hlas ta' *Capital Gains Tax* fuq it-trasferiment tal-fond Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, stante li kien ilu snin twal qabel it-trasferiment ma jirrisjedix fl-imsemmija proprjeta'; u li (b) ghalkemm seta' ghadda d-dhul mill-bejgh tal-fond imsemmi lil martu skont kuntratt ta' separazzjoni li kellhom bejniethom, huwa xorta jitqies li ghamel qligh minn tali trasferiment irrispettivament minn jekk tali qligh hadux hu personalment jew ghaddiehx lil terza persuna. Ir-rikorrent talab li minflok it-Tribunal jiddikjara li ebda ammont ta' *Capital Gains Tax* mhu dovut b'riferenza ghall-kuntratt ta' bejgh tal-fond '71', Mardom II, Triq Manwel Attard, St. Venera, datata 29 ta' Marzu 2004.

2. Fit-twegiba l-intimat oppona ghar-rikors tal-intimat u talab konferma tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa datata 16 ta' Gunju 2011 ghas-sena ta' stima 2005 u l-Avviz ta' Rifjut ukoll datat 16 ta' Gunju 2011 ghall-istess sena ta' stima, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

3. B'sentenza tat-12 ta' Jannar 2015 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva iddecieda:

   *"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jichad l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-16 ta' Gunju, 2011, dwar il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontrih ghas-sena ta' stima 2005 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija decizjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2005. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent;*

   *A tenur ta' l-Artikolu 35(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li Avviz ta' din id-decizjoni ghandu jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jordna li kopja ta' l-istess Avviz tigi notifikata jew personalment jew bil-posta registrata lir-Rikorrent u ghandu jinforma lill-istess Rikorrent bid-drittijiet tieghu ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*In fine t-Tribunal jordna li din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini li r-Rikorrent jigi investigat dwar frodi fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta' l-Artikolu 52 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta."*

4. L-aggravju tar-rikorrent hu li t-Tribunal messu accetta r-rikors ossia appell tieghu u konsegwentement laqa' it-talbiet ta' l-istess attur. Subordinatament it-Tribunal ma messu qatt ghamel l-ordni li jibdew proceduri kriminali fil-konfront ta' l-attur appellant ai finijiet tal-Artikolu 52 tal-Kap.372.

5. Bi twegiba pprezentata fl-24 ta' Frar, 2015, l-intimat wiegeb illi fid-data tat-trasferiment l-appellant kien ilu kwazi sbatax-il sena li ma kienx ghadu jirrisjedi fil-fond wara li ssepara minn ma' martu. Ghaldaqstant ma jistax jippretendi li jiprevalixxi ruhhu minn tali ezenzjoni intiza **<u>biss</u>** ghal min qed jbiegh ir-residenza attwali tieghu. Minghajr pregudizzju t-Tribunal kien korrett meta qal li lanqas l-ezenzjoni kkontemplata fl-artikolu 5(5)(e) tal-Kap. 123, li jghid li l-ebda taxxa fuq il-qliegh ma hija dovuta *'meta l-proprjeta' tigi trasferita' bejn il-konjugi wara li ssir firda…'*, ma hija relevanti ghal kaz odjern inkwantu l-appellant ma trasferixxa ebda proprjeta' lil martu in segwitu tas-separazzjoni izda trasferixxa l-fond lil terzi, sbatax-il sena wara li kien sar il-kuntratt ta' separazzjoni bonarja bejn il-partijiet, u ghaldaqstant, tali artikolu m'huwiex applikabbli fil-kaz odjern. L-argument tal-appellant qatt m'ghadda flus lil martu, inkwantu kien il-Bank, li ghadda tali flus, ma jregix u dan ghaliex tali flus xorta kienu jappartjenu lilu. Inoltre, l-appellant ipprova jevadi t-taxxa u zvija wkoll lin-nutar li ppubblika l-kuntratt meta ddikjara li l-fond kien ir-residenza tieghu, meta fil-fatt kien telaq minn hemm kwazi sbatax-il sena qabel.

6. **<u>Fatti.</u>**

i. Fil-31 ta' Lulju, 1987 ir-rikorrenti kien iffirma kuntratt ta' separazzjoni flimkien ma' martu. Fil-kuntratt jinghad li l-mara ghandha tibqa' tokkupa d-dar matrimonjali, Mardom II, 12, Triq Emmanuele Attard, Santa Venera, u *"L-uzu u tgawdija tal-mara ta' dana l-fond ikun tul hajjitha, b'dan li jekk bil-kunsens tal-mara, r-ragel u hi flimkien ibieghuha lura r-rikavat tiehdu kollu l-mara bhala parti minn sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti"*.

ii. Fid-29 ta' Marzu, 2004 gie ppubblikat kuntratt li bih ir-rikorrent biegh il-fond numru 71 u l-garaxx numru 73 lil Reuben u Caroline konjugi Farrugia, ghall-prezz ta' Lm65,000. Fil-kuntratt jinghad li r-rikorrent kien akkwista l-proprjeta qabel iz-zwieg b'titolu ta' enfitewsi perpetwa. Fuq l-att deheret ukoll mart ir-rikorrent li tat il-kunsens taghha ghat-trasferiment u rrinunzjat ghad-dritt ta' uzu tal-fond. Fil-kuntratt gie ddikjarat:

> *"No Capital Gains Tax is due on the present deed whereas the house has been owned and lived in by the vendors for well over three year period required by law*

*which declaration the vendors make after having been duly cautioned by me of the consequences that may arise from their declaration".*

iii. B'avviz ta' Likwidazzjoni tas-6 ta' Mejju, 2009 l-intimat talab lir-rikorrent ihallsu s-somma ta' €22,261 taxxa fuq il-qliegh b'riferenza ghas-sena stima 2005.

iv. Ir-rikorrent oggezzjona ghal-likwidazzjoni ghaliex isostni li l-kuntratt ta' bejgh kien estensjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fil-31 ta' Lulju, 1987. B'ittra legali datata 14 ta' Frar, 2011 li ntbaghatet lill-intimat, ir-rikorrent iddikjara li l-oggezzjoni hi *"... based on the simple fact that he received no income from the sale of his property in Hamrun and further that all payments on the sale of the property were made to his spouse in settlement of community of acquests as ordered by the Court in the relative Court Separation Decree".*

v. B'ittra tat-22 ta' Frar, 2011 l-intimat gharraf lid-difensur tar-rikorrent li l-oggezzjoni ma kinitx milqugha, wara li qies li l-fond kien proprjeta tar-rikorrent. Ghalhekk fid-data tat-trasferiment kellu obbligu li jiddikjara l-*capital gain* lid-Dipartiment tat-Taxxi.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Il-fatt li r-rikorrent kellu obbligu li jhallas lil martu r-rikavat tat-trasferiment li sar bil-kuntratt tad-29 ta' Marzu, 2004 ma jfissirx li m'hijiex dovuta t-taxxa fuq il-qligh. Il-qorti tibda biex tosserva li fil-kuntratt ir-rikorrent iddikjara li ma kinitx dovuta t-taxxa ghas-semplici raguni li kien ilu jghix fil-fond ghal iktar minn tliet snin. Dikjarazzjoni li ma tirriflettix il-verita gialadarba mill-provi rrizulta li r-rikorrent, li kien l-uniku sid tal-fond, kien ilu minn meta ssepara li telaq mill-fond u mar ighix band'ohra.

8. Dak li setghu ftehmu l-konjugi Gruppetta fuq il-kuntratt ta' separazzjoni hu *res inter alios acta* ghall-intimat. Il-fatt li r-rikorrent kellu obbligazzjoni li jhallas lil martu r-rikavat tal-bejgh, mhu ta' ebda konsegwenza ghad-dritt tal-intimat li jirkupra t-taxxa dovuta. Ghal finijiet ta' taxxa l-qligh jigi registrat hekk kif isehh it-trasferiment. Dan hu evidenti minn qari tal-artikolu 5 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq l-Income (Kap. 123 tal-Ligijiet ta' Malta). X'jaghmel il-bejjiegh bir-rikavat wara li jidhol fil-partimonju tieghu, m'ghandu l-ebda mpatt fuq it-taxxa tal-qligh. F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza A.**B. v Kummissarju tat-Taxxi Interni** tal-25 ta' Gunju, 1973 tal-Qorti tal-Appell. Sentenza li t-Tribunal iccita f'pagna 7 tas-sentenza. Ghandu ragun it-Tribunal meta qal:

*"Il-fatt li r-rikorrent b'effett immedjat ghadda l-ammont minnu percepit mit-trasferiment tal-fond in kwistjoni lil bintu u lil martu flok iddepozita dak l-istess*

*ammont fil-kont tieghu ma jfissirx li b'daqshekk ma kellux income ghall-finijiet u effetti tal-Kap. 123 tal-Ligijiet ta' Malta suxxettibbli ghall-imposizzjoni u hlas ta' taxxa, senjatament ta' taxxa fuq il-qligh kapitali, anzi pjuttost il-kuntrarju. In effetti fil-fehma tat-Tribunal dan huwa kaz car ta' application jew ahjar alienation of income da parte tar-rikorrent u ghalhekk dak l-income xorta baqa' soggett ghat-tassazzjoni, f'dan il-kaz ghat-taxxa fuq il-qligh kapitali".*

9. Bir-ragunament tar-rikorrent ikun ifisser li kull min ikollu dejn u jbiegh proprjeta, ikun jista' jahrab mill-hlas tat-taxxa billi jhallas id-dejn. Pero' dan m'huwiex jirrifletti dak li tghid u trid il-ligi. Inoltre, l-ligi tipprovdi ghal kazijiet fejn m'hijiex dovuta t-taxxa. Il-kaz tar-rikorrent m'huwiex wiehed minnhom (ara artikolu 5(5) tal-Att tal-Income Tax, Kap. 123 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Ir-rikorrent argumenta li huwa qatt ma ghadda flus lil martu izda l-Bank relattiv ghadda flus direttament lil martu u bintu. Irrispettivament min ta l-flus lit-terzi, dawk kienu flus tar-rikorrent. Fil-kuntratt stess jinghad:

> *"This sale is being made and accepted in consideration of the agreed price of sixty five thousand Malta liri (Lm65,000) of which the Bank in execution of the delegation made it by the Borrowers/purchasers hereby pays the vendor the sum of fifty eight thousand Malta liri (Lm58,000) for which the vendor acknowledges the relative receipt. Balance is being paid by the purchasers to the vendor who acknowledges the relative receipt in full and final settlement of the entire purchase price".*

Ghalqstant, jekk il-bank ghadda l-flus lit-terzi kien qieghed jagixxi bhala mandatarju tar-rikorrent.

11. Hu veru li qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt kien hemm digriet tal-qorti (31 ta' Lulju, 2017, a fol. 13). Pero' d-digriet m'huwiex ordni izda semplicement awtorizazzjoni biex jigi ppubblikat il-kuntratt. Il-kuntratt gie ppubblikat ghaliex ftehmu l-partijiet u ffirmawh. Kieku l-partijiet ma ressqux ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ma kienx jigi ppubblikat irrispettivament mid-digriet li nghata mis-Sekond'Awla fil-31 ta' Lulju, 2017. Jekk ir-rikorrent hallas lil martu, dan sehh in esekuzzjoni tal-obbligazzjoni li ffirma ghaliha u mhux ghaliex kien hemm ordni ta' qorti.

12. L-appellant argumenta li l-hlas li sar lil Monica Gruppetta kien, *"... il-hlas ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti"*. Hu fatt li hekk hemm dikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Pero ghall-intimat dak il-kuntratt *hu res inter alios acta*. Il-fatt li mill-bejgh tal-fond l-appellant ma baqalux flus mir-rikavat ghaliex hallas id-dejn li kellu, ma jfissirx li ghal finijiet tal-ligi tat-taxxa m'ghamilx qliegh.

13. Ir-rikorrent qal ukoll li r-rikavat qatt ma kienx income tieghu izda sehem martu tal-komunjoni tal-akkwisti. Mill-provi rrizulta li l-fond kien gid parafernali tar-rikorrent. Il-komunjoni tal-akkwisti giet terminata fil-31 ta'

Lulju, 1987. Mela meta fl-2004 sar it-trasferiment, ir-rikavat kien tar-rikorrent li kellu obbligazzjoni li jhallsu lil martu bhala sehemha mill-komunoni tal-akkwisti. Pero’ dan ma jfissirx li dak ir-rikavat kien qatt xi parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

14. Argument iehor tar-rikorrent hu li obbliga ruhu li jhallas ir-rikavat kollu tal-bejgh tad-dar matrimonjali bhala hlas ghal manteniment. Hawnhekk ir-rikorrent qieghed jargumenta b’mod inkompatibbli ma’ dak li qal f’paragrafu 12(v). X’ser ikun l-argument ta’ Monica Gruppetta jekk ir-rikorrent jitlobha lura l-hlas ta’ €22,261 hu ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta’ dawn il-procedura. Ir-rikorrent messu qabel hallas ghamel verifiki mad-Dipartiment tat-Taxxa, u mhux ghamel dikjarazzjoni li ma tirriflettix il-verita.

15. L-ahhar paragrafu tas-sentenza tat-Tribunal taqra:

> *“In fine t-Tribunal jordna li din is-sentenza tigi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini li r-rikorrent jigi investigat dwar frodi fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi a tenur tal-artikolu 52 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta”.*

Ordni li t-Tribunal kellu kull dritt li jaghti. It-Tribunal ma qalx li r-rikorrent hu hati ta’ dikjarazzjoni falza, izda ordna komunika tas-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ir-rikorrent jigi nvestigat.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.